MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 1057/2002

Kawza fil-lista: 7

**A B f' isimha proprju,**
**u bhala kuratrici ad litem ta' binha minuri DE B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-attrici u l-konvenut izzewgu f' Malta fit-tmintax (18) ta' Dicembru 1993 u miz-zwieg taghhom kellhom tifel DE li ghadu minorenni;

U peress illi l-hajja konjugali saret impossibli minhabba adulterju, swat, sevizzi, eccessi, minacci, mohqrija u

ingurji gravi kommessi kontriha mill-konvenut, u minhabba li tkissret irrevokabilment;

U peress li l-attrici talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni mehtiega mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili sabiex tipprocedi f’ dina l-istanza kontra zewgha ghas-separazzjoni personali u dana skond digriet moghti minn dik il-Qorti b’ digriet fis-27 ta’ Gunju 2002 (Dok. A);

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, jghid il-konvenut il-ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi B minhabba adulterju, swat, sevizzi, eccessi, minacci, mohqrija u ingurji gravi li l-konvenut ikkommetta kontra martu l-attrici, jew minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabilment;

2. Tafda lill-attrici bil-kura u kustodja tal-minuri DE B salv l-access tal-konvenut;

3. Tikkundanna lill-imsemmi konvenut sabiex ihallas lill-attrici ghaliha u ghal binhom minuri dik ir-retta alimentarja lilha dovuta skond il-Ligi b’ dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja, u ordni ghall-hlas dirett mill-paga tal-konvenut, li ghandhom jigu ffissati minn din il-Qorti;

4. Tapplika kontra l-imsemmi konvenut l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta) in toto jew in parte.

5. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b’ mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet u, billi wkoll tigi stabilita data li minn dakinhar il-konvenut jitqies li ddekada minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila ta’ l-attrici, u dana kollu okkorrendo b’ opera ta’ perit nominand, u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-konvenut fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

6. Tawtorizza lill-attrici sabiex tabita fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenut u taghti kull provvediment xieraq u opportun ghal dan l-iskop.

7. Tordna lill-konvenut jirrestitwixxi lill-attrici il-beni u krediti taghha parafernali u dotali.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri inkorsi quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili u tal-mandati pprezentati minnha inkluzi mandati ta' inibizzjoni u mandat ta' deskrizzjoni kontra l-konvenut ingunt minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi fir-rigward tal-ewwel talba attrici, l-eccipjent jaqbel li tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-konjugi B, minhabba ragunijiet imputabbli wkoll lejn l-istess attrici minhabba inkompatibilita' ta' karattru, sevizzi, eccessi u ingurji gravi u peress ukoll illi z-zwieg tkisser irrimedjabilment.

2. Illi fir-rigward tat-tieni talba attrici, l-eccipjent ma jaqbilx li l-kura u l-kustodja tal-iben minuri DE tkun fdata f' idejn l-attrici esklussivament izda din ghandha tkun wahda kongunta fl-ahjar interess tal-minuri.

3. Illi fir-rigward tat-tielet talba, l-eccipjent ma jaqbilx li ghandu jissomministra xi manteniment lejn l-attrici peress li din tahdem regolarment bhala ghalliema mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni, ghalkemm l-eccipjent jaqbel li jhallas ir-retta alimentarja kif qed effettivament jaghmel versu l-iben minuri DE fis-somma ta' mitt lira Maltin (Lm100) fix-xahar skond kif gie ordnat mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili skond id-digriet numru 1135/2002.

4. Illi fir-rigward tar-raba' talba attrici, diga' ghandha tigi rigettata peress li ma jezistux l-estremi biex jigu applikati l-artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta in toto jew in parte.

5. Illi fir-rigward tal-hames talba attrici, l-eccipjent jaqbel li l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet tigi dikjarata xjolta u li din tigi likwidata.

6. Illi fir-rigward tas-sitt talba attrici, l-eccipjent jopponi din it-talba peress li d-dar konjugali ghandha tinbiegh konsistentement mal-hames talba attrici ghall-fini tal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.

7. Illi l-eccipjent jaqbel mas-seba' talba attrici purche li l-attrici tirrestitwixxi wkoll il-beni u krediti parafernali u dotali tal-eccipjent.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Rat ir-rapport [1]tal-perit tekniku l-AIC Valerio Schembri minnu debitament mahluf;

Rat ir-rapporti[2] tal-perit legali l-Avukatessa Dottor Ramona Frendo, minnha debitament mahluf;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lit-tifel minuri tal-partijiet kameralment;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut, minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabbilment ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta imputabbli lill-istess konvenut; kif ukoll sabiex din il-qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni. Minn naha tieghu l-konvenut jattribwixxi lill-

[1]Vol.3 – fol.839 *et seq.*
[2]Vol.6 – fol.2688

attrici t-tkisser taz-zwieg ghall-istess ragunijiet kontemplati fl-artikoli precitati.

**Separazzjoni Personali**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fit-18 ta' Dicembru 1993, u minn dan iz-zwieg ghandhom tifel bl-isem Jean-E li llum ghandu madwar 12-il sena.

Mill-bidunett tal-hajja matrimonjali, u anke qabel, matul l-gherusija, il-partijiet irriskontraw diversi problemi li, gradwalment u kumuluttivament, rrendew il-konvivenza matrimonjali bejniethom wahda turbolenti kawza tal-litigji kontinwi bejniethom bl-involviment attiv tal-familjari ta' l-attrici.

Illi inizjalment il-partijiet kienu ghamlu circa seba' [7] snin jghixu fis-sular sovrastanti r-residenza tal-familja ta' l-attrici f' Haz Zabbar; u fil-frattemp il-partijiet, bl-ghajnuna tal-istess familjari ta' l-attrici u anke tal-konvenut, hadu loan bankarja biex jixtru dar f'Pembroke li kienet giet reza abitabbli f' Mejju 2001, anke bl-ghajnuna tal-familjari tal-konvenut. F' dan ix-xahar il-konvenut telaq mill-post fejn kien jghix ma' martu f' Haz Zabbar, u mar jghix <u>wahdu</u> fid-dar ta' Pembroke. Eventwlament fit-3 ta' Awissu 2001 l-attrici, flimkien ma' binhom, marret tghix mieghu gewwa Pembroke.

F' Ottubru 2001[3] il-konvenut iltaqa' ma' XY, mara jdentifikata fl-atti b' isimha, u fi kliemu: " .. sa l-ahhar ta' l-istess xahar bdiet ir-relazzjoni bejnietna."[4] Eventwalment fl-1 ta' Gunju 2002 l-attrici telqet mid-dar konjugali ta' Pembroke peress li, fi kliemha: " kelli nitlaq mid-dar flimkien mat-tifel ghaliex ma stajtx nissaporti izjed it-theddid, tghajjir u l-imgieba hazina tieghu [konvenut]"[5]

*Verzjoni ta' l-attrici*

Illi l-attrici ssostni li meta zzewgu huma kienu marru jghixu fis-sular sovrastanti r-residenza tal-genituri taghha fuq insistenza tal-konvenut li kien mohhu biex igemma' l-flus

---

[3] Vol.1 - aff. XY fol.200
[4] Vol.1 – aff. Konvenut fol.118
[5] Vol.1 – aff. Attrici fol.4

biex jibni dar kbira. Huwa kien xhieh maghha, kien aggressiv u dominanti, u ried li bil-fors tghaddi tieghu; ma kienx jappoggjaha fir-responsabbilitajiet tal-hajja matrimonjali, nonostante li hi kellha mpieg regolai, u kien jehles mir-responsabbilitajiet tat-tifel li dak iz-zmien kien ghadu tarbija. Kien jghajjarha u jbaxxiha bil-kliem, anke fil-pubbliku; kien jidghi u jitkellem hazin u jheddidha, u kien kontinwament jiggieled maghha u mal-genituri taghha, u anke ma' wahda minn hutha l-bniet. Kien ghalhekk li, eventwalment, hi ddecidiet li titlaq mid-dar konjugali ta' Pembroke u terga' tmur tghix mal-genituri taghha. Tghid li qabel is-separazzjoni de facto il-konvenut kien beda relazzjoni extra-matrimonjali ma' XY li ghadha sejra sallum.

*Verzjoni tal-Konvenut*
Illi minn naha tieghu l-konvenut jghid li mill-bidunett taz-zwieg l-attrici kienet immatura u kienet dipendenti wisq fuq dak li kienu jghidulha l-genituri taghha u hutha. F' dan is-sens huwa jakkuza li martu kienet egojsta fil-konfront tieghu, u kienet thalli lil familjari taghha jindahlulha fil-hajja matrimonjali taghhom. Fi kliemu: "A kienet taghmel hafna affarijiet fiz-zwieg ma' ommha u missierha, minghajr il-kunsens tieghi, u minn wara dahri….. f' kull argument matrimonjali, A kienet dejjem iddahhal lill-genituri taghha, u gieli anke lill ohtha. Mhux l-ewwel darba li l-argument kiber u A u l-genituri taghha u ohtha, daru ghalija, heddewni."[6] Isemmi ncident dwar l-intervent kirurgiku li kellu bzonn isir fuq it-tifel, u l-glieda li kellu ma' l-attrici u l-familjari taghha, fejn sahansitra kien talab l-ghajnuna tal-genituri tieghu. Jghid li martu kienet tirrifjuta li taghmel l-att taz-zwieg mieghu, u fl-affidavit tieghu jghid ghall-ahhar tlett snin hu kien jorqod fuq is-sufan wahdu u ma kellux rapporti sesswali ma' martu. Dan kien lejn l-ahhar tal-konvivenza matrimonjali.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi in propozitu ghat-talba ghas-separazzjoni personali u ghall-htija ta' l-istess, il-Qorti taghmel referenza ghal-konsiderazzjonijiet maghmula mill-abbli perit legali fir-

[6] Vol.1 aff. Konvenut fol.112 u 113

relazzjoni taghha; u sostanzjalment tikkondividi l-apprezzament maghmul minnha u l-konkluzjoni li waslet ghaliha.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet kienu jargumentaw hafna, sa minn zmien l-gherusija, u d-decizjoni taghhom li jkomplu jabitaw fis-sular ta’ fuq tar-residenza tal-genituri ta’ l-attrici zgur li ma ghenitx sabiex il-partijiet isibu *modus vivendi* u dak l-ekwilibriju necessarju sabiex ikampaw fil-hajja konjugali taghhom.

Id-dipendenza psikologika da parti ta’ l-attrici fuq il-genituri taghha, anke f’ dawk l-aspetti li jirrigwardaw biss lil koppja mizzewga, akkompanjata bl-indhil kontinwu da parti taghhom, anke fejn jidhol it-tifel tal-partijiet, ikkontribwew sabiex il-konvenut irreagixxi b’ komportament abuziv, kemm fil-konfront taghhom kif ukoll fil-konfront ta’ martu. B’ hekk inholqot sitwazzjoni matrimonjali ta’ litigju kontinwu, u ta’ deterjorament manifest fir-relazzjoni ta’ bejniethom, tant, li meta tlestiet id-dar ta’ Pembroke u l-partijiet marru joqghod fiha f’ Awissu 2001 il-konvivenza matrimonjali diga’ kienet saret difficli hafna, anke wkoll tenut kont tal-pika akuta li kienet dahlet bejnithom u li rrizzultat manifestament anke tul il-proceduri odjerni. Ma hemmx dubju li, kif osservat mill-perit legali, kien hemm inkompatibbilita’ serja ta’ karattru bejn il-partijiet li wasslet lill-istess partijiet jikkommettu sevizzi fil-konfront ta’ xulxin.

Illi, ferm il-premess, il-Qorti tosserva li, il-fatt li l-attrici abitwalment u ripetutament kienet tinvolvi membri tal-familja taghha fil-kwistjonijiet ta’ bejn il-partijiet, li kienu strettament jikkoncernaw biss lilhom bhala konjugi, jikkostitwixxi ‘sevizzi’ fit-termini ta’ l-artikolu 40 fuq citat, u kkontribwixxa ghat-tkissier taz-zwieg ta’ bejniethom.

Mill-banda l-ohra l-konvenut seta’ mill-bidunett insista li l-partijiet, kif izzewgu jmorru jghixu ghar-rashom il boghod mill-familjari taghhom biex b’ hekk ikollhom spazju jsolvu l-problemi taghhom wahedhom; izda dan, minflok ghamel hekk, deherlu li jaccetta li ghall-ewwel snin tal-hajja konjugali huwa jighix prattikament mal-genituri ta’ l-attrici. Probabbilment hassu komdu li jghix f’ post minghajr ma

jaghmel spejjez, kif hassu wkoll komdu li jaccetta self ta' flus minghand il-familjari ta' l-attrici, minghajr ma qaghad iqis il-konsegwenzi dizastruzi li tali konvivenza seta' ikollha, kif fil-fatt kellha fuq il-hajja konjugali taghhom; multo magis meta huwa zgur li kien konxju tal-fatt li l-attrici, anke meta kienet gharusa, kienet tigi ndebitament influwenzata mill-familjari taghha.

Izda r-reazzjoni tieghu ghal din is-sitwazzjoni kienet wahda ta' komportament abuziv da parti tieghu fil-konfront ta' martu wkoll; u gradatament il-litigji kontinwi, kemm maghha kif ukoll ma' niesha, wasslu ghat-detjorament tal-konvivenza matrimonjali pacifika li, ghalhekk, kienet saret difficli u mpossibbli, izjed u izjed wara li f' Ottubru 2001 il-konvenut dahal f' relazzjoni extra matrimonjali, liema fatt issigilla t-tkissir irrmedjabbli taz-zwieg taghhom. Il-komportament abuziv fuq indikat da parti tal-konvenut jikkostitwixxi 'sevizzi' fit-termini ta' l-artikolu precitat.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li l-hajja konjugali bejn il-partijiet tkissret irrevokabbilment minhabba 'sevizzi' da parti taz-zewg partijiet fil-konfront ta' xulxin, kif ukoll minhabba r-relazzjoni adulteruza, da parti tal-konvenut, li ghadha sejra sallum; u l-Qorti tikkunsidera li l-grad ta' responsabbilita' tal-partijiet ghandu jigi spartit in kwantu ghal zewg terzi [2/3] fuq il-konvenut, u terz [1/3] fuq l-attrici.

Inoltre, il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-perit legali, li l-komportament abuziv u adulteruz tal-konvenut jattira l-applikazzjoni ta' l-artikolu 48 fl-intier tieghu; filwaqt li l-komportament abuziv da parti ta' l-attrici ghandu jattira l-applikazzjoni ta' l-istess artikolu limitatament ghas-sub incizi [1][a][b] u [c].

**Kura u Kustodja**

Illi l-parti l-kbira tar-rikors pendente lite prezentati mill-partijiet jirrigwardaw il-pretensjoni tal-konvenut ghall-kura u kustodja kongunta tat-tifel taghhom, u estenzjoni ta' access ghall- istess.

F’ dan ir-rigward il-Qorti ma tikkondividix il-hsieb ta’ kura u kustodja kongunta, kif lanqas ma tikkondividi s-suggeriment tal-perit legali li l-kura u kustodja tal-minuri tkun fdata esklussivament lil parti li maghha jkun qieghed il-minuri. Il-Qorti hi tal-fehma li l-animozita’ li tezisti bejn il-partijiet, manifestata tul il-proceduri kollha u li donna zdiedet fl-impetu taghha maz-zmien, timmilita kontra kura u kustodja kongunta; u ghalhekk primarjament ghal gid tal-minuri, u sussidjarament ghal gid ta’ l-istess partijiet, ikun opportun fic-cirkustanzi li l-kura u kustodja tkun esklussivament fdata lill-attrici li ilha tiehu hsieb il-minuri dawn is-snin kollha nonostante l-inkwiet li ghaddiet, u ghadha ghaddejja, minnu. Il-tifel dejjem ghex ma’ ommu, u jkun ta’ vantagg ghalih li dan jibqa’ jghix maghha, *multo magis*, meta missieru jinsab f’ sitwazzjoni ta’ konkubinagg.

Ghaldaqstant tordna li l-kura u kustodja tal-minuri DE tkun fdata esklussivament f’ idejn l-attrici, izda decizjonijiet straordinarji li jirrigwarda s-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri ghandhom jittiehdu konguntivament, jew f’ kaz ta’ dizgwid insuperabbli, bl-intervent tal-qorti kompetenti.

Illi rigward l-access favur il-missier, il-Qorti taqbel ma’ dak sottomess minnu li hu, bhala ghalliem fl-edukazzjoni terzjarja, qieghed fil-pozizzjoni li jghin lil ibnu jkompli javvanza fl-iskola, u ghalhekk din il-Qorti hi favorevoli ghal access estiz ghall-missier; izda sfortunatament ir-relazzjoni extra-matrimonjali li fiha ghadu jippersisti l-konvenut isservi ta’ limitazzjoni f’ dan ir-rigward. Ghalhekk <u>*rebus sic stantibus*</u> il-Qorti tordna li l-access tal-missier favur ibnu ikun kif ser jinghad:

[A] Matul il-granet skolastici: kull nhar ta’ Tnejn u nhar ta’ Erbgha mis-2.30pm sas-7.30pm, bil-kondizzjoni li t-tifel jingabar mill-iskola minn missieru li sussegwentement ghandu jirritornah id-dar; u kull nhar ta’ Gimgha mill-5.00pm sa’ l-ghadha s-Sibt fid-9.00am.

[B] Matul il-vaganzi skolastici: B’ mod alternattiv, gurnata mal-missier u gurnata ma’ l-omm, b’ dan li l-minuri jorqod fir-residenza ta’ l-omm. L-access ikun bejn it-8.30 am u t-8.30pm, u l-minuri jqatta’ l-jum tal-Hamis, darba ma’ parti

u darba ma’ l-ohra, b’ mod alternattiv. Fil-vaganzi tas-sajf: ukoll, kull nhar ta’ Gimgha mit-8.30pm sas-Sibt 9.00pm.

[C] Milied u L-Ewwel tas-Sena: fl-ewwel sena il-konvenut jkollu access f’ Jum il-Milied mill-10.00am sat-3.30pm, u fil-31 ta’ Dicembru fit-8.30pm sa l-Ewwel tas-Sena fl-4.00pm; u fit-tieni sena, il-konvenut jkollu access mill-24 ta’ Dicembru fit-8.30 pm sa nhar il-Milied fl-4.00pm, u wkoll f’ Jum l-Ewwel tas-sena mill-10.00am sat-3.30 pm.

[D] L-Ghid il-Kbir: l-access tal-konvenut ikun sena wahda mid-9.30am sat-3.00pm, u s-sena sussegwenti, b’ mod alternattiv, mit-3.30pm sat-8.00pm

[E] Birthday tal-minuri: il-konvenut qed jinghata access addizzjonali mill-4.00pm sal-10.00pm; izda jekk din tinzerta gurnata skolastika l-access ikun bejn 4.00pm u 7.00pm.

[F] Birthday tal-konvenut: il-konvenut qed jinghata access addizzjonali mill-4.00pm sal-10.00pm.

[G] Birthday ta’ l-attrici: jekk din il-gurnata tinzerta gurnata ta’ l-access tal-konvenut, l-access m’ ghandux isir dak in-nhar izda jsir f’ gurnata ohra bl-istess hinijiet.

[H] Jum il-Missier: f’ din il-weekend l-access tal-konvenut ghandu jigi ezercitat mis-Sibt 5.00pm sa’ l-ghada l-Hadd fit-8.00pm, minflok l-access normali fuq stabbilit ta’ matul il-weekend.

[I] Festi Pubblici: L-access jalterna bejn l-omm u l-missier, minn darba ghal darba, b’ dan illi l-gurnata tkun meqjusa mit-8.00am sat-8.00pm.

Illi l-Qorti tordna li kull parti tikkonsenja lill-parti l-ohra numru telefoniku ghall-finijiet ta’ l-access; tordna li l-minuri jittiehed mill-konvenut mir-residenza tieghu, u jigi hemm ritornat fil-hinijiet stabbiliti; u hadd mill-partijiet m’ghandu jesponi lill-minuri ghal prezenza ta’ terzi [habiba jew habib] tas-sess oppost, almenu sakemm iz-zwieg odjern ma jigix dikjarat invalidu minn tribunal kompetenti,

u dan that is-sanzjoni ta' disprezz, u alterazzjoni tal-modalita' ta' l-access.

**Manteniment**
Illi permezz ta' digriet moghti mill-Onorabbli Sekond Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Gunju 2002 il-konvenut kien gie ordnat, *inter alia*, li *pendente lite* jhallas lill-attrici is-somma ta' Lm100 kull xahar bil-quddiem bhala manteniment ghat-tifel minuri li dak iz-zmien kellu sitt [6] snin.

Jidher li l-konvenut ottempera ruhu mad-dettami ta' dan id-digriet, tul il-proceduri, u ghalhekk il-pretensjoni attrici ghar-rifuzjoni ta' spejjez maghmula minnha, ghalkemm konnessi mal-minuri, ma treggix legalment.

In propozitu ghall-quantum ta' l-ammont li l-konvenut ghandu jigi ordnat li jhallas lill-attrici bhala l-<u>kontribut</u> tieghu ghall-manteniment ta' binhom minuri, li llum ghandu circa tnax [12]–il sena; din il-Qorti - tenut kont tal-fatt li z-zewg partijiet ghandhom impieg regolari b' salarju tajjeb, kif ukoll tal-fatt li t-tifel ser jaghmel hinijiet twal mal-konvenut li matulhom dan ghandu jipprovdi, kif fil-fatt ghamel matul il-proceduri odjerni, ghall-bzonnijiet immedjati tat-tifel - hi tal-fehema li dan ghandu jibqa' ta' mitejn, tlieta u tletin ewro [€233] fix-xahar; u ghalhekk tordna lill-konvenut jhallas dan l-ammont, <u>oltre</u> nofs l-ispejjez relatati mas-sahha tal-minuri u ma' l-edukazzjoni tieghu, inkluzi, spejjez ta' trasport, uniformijiet, attivitajiet extra kurrikulari u anke spejjez ta' lezzjonijiet privati fejn mehtiega, liema rifuzjoni ghandha ssir kontra d-debiti ricevuti. L-ammont fuq indikat ghandu jitnaqqas direttament mill-paga tal-konvenut u mibghut permezz ta' cheque fir-residenza ta' l-attrici. Dan l-obbligu tal-konvenut jspicca hekk kif it-tifel jaghlaq it-18-il sena jew jibda jahdem b' introjtu adegwat u regolari.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**
Illi f' dan ir-rigward il-Qorti, a skans ta' ripetizzjoni nutili, qed taghmel referenza ghall-kontenut tal-pagni 99 sa 118[7] tar-rapport tal-perit legali, li qed jigu annessi mal-gudizzju

[7] Vol.6 – fols.2787 - 2806

odjern [Appendici A]. Il-konsistenza ta' l-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti, attiv u passiv, bil-krediti pretizi, jinsabu detteljatament u kjarament elenkati fl-imsemmi rapport.

[1] *Id-dar matrimonjali* mibnija fuq plot 142 Triq Indri' Vella, Pembroke li giet stmata mill-perit tekniku fl-ammont ta' Lm185,000: Il-Qorti tordna, kif anke kienu qabblu l-partijiet, li din id-dar tinbigh, u dan fuq is-suq hieles bi prezz mhux inferjuri ghall-imsemmi ammont, u, fil-kaz li l-bejgh ma jsirx, fi zmien sena, tinbigh bis-subbasta.

Ir-rikavat minn dan il-bejgh jinqasam bejn iz-zewg partijiet fi kwoti wgwali, wara li jithallsu minnu l-krediti hawn taht espressament indikati.

Inoltre, permezz ta' din is-sentenza, il-konvenut qed jigi ordnat li fi zmien xaharjen jzgombra mill-imsemmi fond

[2] *Vetturi*: Il-Qorti taqbel mal-perit legali li l-vettura Metro bil-valur ta' Lm200 tibqa' fil-pussess tal-konvenut u ghalhekk qed tigi assenjata lilu fl-intier taghha; filwaqt li l-vettur Peugeot numru CBI 531 bil-valur ta' Lm2,000 registrata f' isem l-attrici, tibqa' fil-pussess ta' l-attrici u ghalhekk qeda tigi assenjata lilha fl-intier taghha; u l-attrici hija ordnata li thallas lill-konvenut is-somma ta' €2912.50 [Lm1,250] bhala ekwiparazzjoni.

[3] *Djun*: F' dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghas-sezzjonijiet fir-rapport tal-perit legali, intestati "Djun Gravanti l-Komunjoni ta l-Akkwisti" partita [4], u "Self mill-Konjugi Zarb in konnessjoni mal-Peugeot" partita [K2]; u tordna li d-dejn indikat jigi sopportat miz-zewg partijiet fi kwoti wgwali.

Illi rigward ir-ripagamenti tas-self mal-Bank HSBC, maghmula mill-partijiet waqt is-separazzjoni de facto tal-partijiet, il-Qorti taddotta fl-intier taghhom il-konsiderazzjonijiet maghmula mill-perit legali taht il-partita [K3] pagni 104 u 105 tar-rapport, u taqbel li mir-rikavat tal-bejgh tal-fond matrimonjali, il-konvenut ghandu jithallas l-ammont ta' €591.82 [Lm254].

Illi l-Qorti taddotta wkoll l-konkluzjonijiet tal-perit legali kontenuti fis-sezzjoni ntestata “Pagamenti ohra reklamati mill-Konvenut” partita [K4] pagna 106. Rigward ix-xoghol u spejjez tal-poggaman maghmul mill-konvenut fil-fond in kwistjoni, il-Qorti, wara li kkunsidrat ukoll is-sottomissjoni tal-attrici, hija tal-fehma li ghandha taccetta dan il-kreditu pretiz mill-konvenut, in bazi ghal zewg konsiderazzjonijiet: [1] illi dan ix-xoghol sar ukoll fl-interess tal-minuri li ta’ sikwit kien ikun fid-dar ma’ missieru, u ghalhekk sar fl-interess tat-tifel taz-zewg partijiet; u [2] anke dato non concesso[8], l-attrici ma tatx il-kunsens taghha sabiex isir dan ix-xoghol, l-istat attwali ta’ l-affarijiet illum huwa li fil-fond hemm dan il-poggament li ghandu jitqies bhala benefikat u meljorament li jgholli l-valur tal-fond, liema awment ghandu jigi rifless fir-rikavat tal-bejgh, u li ghalhekk ser tgawdi minnu anke l-attrici. Illi in kwantu ghall-ammont mitlub, l-attrici setghet facilment titlob li dan jigi stmat mill-perit gudizzjarju; u fin-nuqqas, din il-Qorti thoss li ghandha taccetta l-istima prodotta mill-konvenut.

Ghaldaqatant l-attrici qed tigi ordnata thallas lill-konvenut is-somma ta’ sitt mija, tlieta u erbghin ewro [€643], ekwivalenti ghal Lm276, sehemha mill-utilitajiet tad-dar u cens kif indikati mill-perit legali; u inoltre, il-konvenut ghandu jithallas is-somma ta’ sitt elef, disa mija u disghin ewro [€6,990], ekwivalenti ghal m3,000, mir-rikavat tal-bejgh tad-dar matrimonjali qabel ma jsir il-qsim tieghu.

Rigward il-fidi tac-cens fuq id-dar matrimonjali ndikat fir-rapport tal-perit legali taht il-partita [K5] pagni 106 u 107, il-Qorti tordna li l-parti li ghadha ma hallsitx s-sehem taghha ta nofs l-ammont dovut, ghandha thallas il-bilanc dovut minnha mis-sehem taghha mir-rikavat tal-bejgh tad-dar, u dan qabel ma l-istess sehem jigi konsenjat lilha.

[4] *Oggetti Mobbli u Krediti Parafernali*: F’ dan ir-rigward, il-Qorti taddotta fl-intier taghhom il-konsiderazzjonijiet u

[8] In propozitu l-konvenut jissottometti li kienet l-attrici li nsistiet li jsir il-poggaman minhabba li n-nuqqas tieghu kien ta’ perikolu ghat-tifel, izda mbaghad kienet irrifjutat li thallas sehemha mill-ispejjez; di piu’ l-attrici qatt ma waqqfet lill-esponent milli jaghmel dan ix-xoghol.

konkluzjonijiet raggjunti mill-abbli perit legali, u li jinsabu fil-pagni 107 sa 118[9] tar-rapport taht il-partiti K6 u K7, b' mod li dawn ghandhom jitqiesu bhala formanti parti mill-gudizzju odjern, u tordna li l-partijiet jadempixxu dak rakkomandat minnha, u allura ordnat minn din il-Qorti, f' dawn is-sezzjonijiet.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, prevja rigett ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu nkompatibbli ma' dak hawn taht deciz:

[1] tilqa' l-ewwel talba, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet, fil-grad fuq indikat;

[2] tilqa' t-tieni talba, fis-sens fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni “Kura u Kustodja”;

[3] tilqa' t-tielet talba, fis-sens fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni “Manteniment”; filwaqt li jibqa' rizervat id-dritt ta' l-attrici li titlob manteniment minghand il-konvenut jekk din tisfa minghajr impieg b' introjtu regolari u adegwat;

[4] tilqa' ir-raba talba, u tapplika fil-konfront tal-konvenut id-dispost ta' l-artikolu 48 fl-intier tieghu, filwaqt li tapplika l-istess artikolu fil-konfront ta' l-attrici izda limitatament ghas-sub incizi [1][a][b] u [c];

[5] tilqa' il-hames talba fis-sens li tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti, u tordna l-likwidazzjoni l-assenjazzjoni taghha fit-termini ta' dak fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata “Komunjoni ta' l-Akkwisti”; inoltre, qed tigi ribadita l-ordni ta' din il-Qorti fis-sens li fi zmien xaharjen millum il-konvenut ghandu jizgombra mill-fond fuq indikat mibni fuq plot 142 Triq Indri' Vella, gewwa Pembroke;

[6] tichad is-sitt talba;

[7] tilqa' s-seba' talba fis-sens fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata “Komunjoni ta' l-akkwisti”

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-partijiet konguntivament: zewg terzi [2/3] mill-konvenut, u r-rimanenti terz [1/3] mill-attrici.

---

[9] Vol.6 – fols.2,795 sa 2,806

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------